

# Statwi ta' San Ġużepp fi Knejjes Beltin

Robert Cassar
M.A. History of Art; B.Cons.(Hons.); B.A.(Hons.)

Fil-Belt Valletta, bħal f'ħafna knejjes tal-bliet u rħula oħra li nsibu fil-gżejjer Maltin, insibu devozzjoni kbira lejn il-qaddis patrun tal-knisja universali. Minbarra l-artali u l-konfraternitajiet dedikati lil dan il-qaddis, insibu wkoll diversi statwi ta' daqs, għamla u materjal differenti marbuta ma' devozzjonijiet, artali u festi li jsiru ġewwa l-Belt kapitali.

Fil-programm ta' sentejn ilu, kont tkellimt dwar id-devozzjoni lejn San Ġużepp li nsibu fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Minbarra l-artal bil-kwadru dedikat lill-mewt ta' San Ġużepp, insibu statwa ta' dan il-qaddis bil-Bambin f'idejh. Din l-istatwa li hija magħmula minn kompożizzjoni, hija dekorata b'disinn mill-aktar fin fuq il-libsa tiegħu. Din l-istatwa tidher li saret lejn il-bidu tas-seklu għoxrin u hija xogħol Taljan. Din tappartjeni lill-Arċikonfraternità tal-Madonna tal-Karità li ta' kull sena tieħu ħsieb issir il-festa ta' San Ġużepp ġewwa l-knisja fit-19 ta' Marzu.

Fil-Bażilika tal-Porto Salvo magħrufa aħjar bħala ta' San Duminku, insibu statwa ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idejh. Din xogħol tal-kartapesta mill-Għawdxi, Wistin Camilleri. Din insibuha meqjuma f'niċċa żgħira mal-ġenb tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju.



Statwa ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Santa Maria ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) ġewwa l-Belt Valletta

Fil-knisja tal-Madonna tal-Pilar, imbagħad, ġo niċċa fuq wieħed miż-żewġ artali tal-ġenb, insibu statwa vera sabiħa ta' San Ġużepp. Naraw lil dan il-qaddis b'daqna folta bil-Bambin rieqed mitluq fuq spaltu. Din l-istatwa tal-kartapesta, xogħol ta' Lecce, tista tiġi attribwita lil Luigi Guacci minħabba ix-xebħ mal-istatwa titulari tal-Imsida tal-istess qaddis. Ħlief għal ftit disinn mat-tarf tal-mantel li huwa mħażżem fuq quddiem, l-istatwa hija mill-aktar sempliċi u jista' jagħti l-każ li l-polikromija għadha originiali tal-fabrika meta saret aktar minn mitt sena ilu.

Fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali ta' San Franġisk, magħrufa aħjar bħala ta' Putirjal insibu statwa ħelwa ħafna ta' San Ġużepp. Din tinsab ġewwa niċċa fuq l-artal taħt il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din tappartjeni lill-Arċikonfraternità tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din l-istatwa hija xogħol tad-Ditta *Gallard et Fils* ta' Marsilja u inġiebet fis-sena 1894 u tħalset mill-fratell, il-Monsinjur Paolo Pullicino[1]. Naraw lil San Ġużepp bil-Bambin f'idejh u bil-ġilju tal-fidda fl-id l-oħra. Din l-istatwa tal-kartapesta hija dekorata b'disinni indurati fini, qishom tal-bizzilla fuq il-panneġġi tagħha.

Fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-patrijiet Franġiskani Minuri, f'niċċa sabiħa maħduma nofs tond, propju fil-kappella ta' Santa Filomena, insibu statwa ċkejkna ta' dan il-qaddis bil-Bambin. Din l-istatwa li tidher li hija xogħol Malti fil-kartapesta, qiegħda armata fin-niċċa tagħha fuq il-pedestall indurat. Din l-istatwa hija miżbugħa u indurata u żgraffita u ġiet mogħtija lil din il-knisja mit-tabib Enrico Roul[2].

Fil-Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, insibu statwa kbira proċessjonali ta' San Ġużepp. Din l-istatwa saret fl-1694 u tappartjeni lill-Konfraternità ta' San Ġużepp fl-istess Bażilika[3]. Din l-istatwa hija skolpita fl-injam u hija ndurata u sgraffita. L-ikonografija hija mhux tas-soltu u naraw lil San Ġużepp li huwa qargħi, jakkumpanja t-tfajjel Bambin li huwa akbar fl-età milli kif jinġieb is-soltu. Dawn iż-żewġ figuri qegħdin fuq pedistall ovali. Fit-truf tal-pedistall insibu erbgħa puttini żgħar, kollha

jżommu f'idejhom għodda marbutin mas-sengħa tal-mastrudaxxa maħduma fil-fidda. Jingħad li din l-istatwa oriġinarjament kienet ta' San Pietru u ġiet adattata għal San Ġużepp billi żdiedet il-figura tat-tfajjel Bambin. Ta' kull sena il-Konfraternità tieħu ħsieb toħroġ il-purċissjoni b'din l-istwa nhar id-19 ta' Marzu. Statwa simili għal din hija dik li nsibu fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu.



*Statwa ta' San Ġużepp fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta*

Fl-aħħar nett, fil-knisja tal-Ġiżwiti, insibu statwa kemxejn differenti ta' dan il-qaddis. Din l-istatwa tal-injam hija mpittra b'kuluri skuri speċalment il-karnaġjon ta' San Ġużepp. Tidher li hija xogħol Taljan impurtat ta' livell għoli tal-bidu tas-seklu dsatax. Fl-antik din kienet tinżamm ġewwa niċċa tal-injam ta' stil Neo-Gotiku li tneħħiet f'xi żmien. Naraw lil figura paterna ta' San Ġużepp li huwa qargħi imma b'daqna folta li wkoll qiegħed ħafi. Ħarstu mitfugħa fil-bogħod filwaqt li jżomm li Bambin fi ħdanu. Il-Bambin, tifel ħosbien imma fl-istess ħin kuntent li qiegħed f'idejn il-missier.

B'din id-dawra mal-knejjes tal-Belt kapitali, Valletta, tajna ħarsa lejn id-devozjoni li nsibu lejn il-Patrijarka San Ġużepp permezz ta' statwi li lkoll kienu u ħafna minnhom għadhom meqjuma b'tant għożża kemm mill-kuraturi tagħhom, kif ukoll mit-tant devoti li jfittxu sostenn spiritwali fl-uċuħ ħelwin tal-Bambin u l-figura paterna ta' San Ġużepp.

**Referenzi**

[1] Fr. Joe Calleja, *Devoz zjoni u Kultura*, Malta 1999, p. 153.
[2] P. Ġorġ Aquilina, *Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu)*, Malta, 2011, p. 354.
[3] P. Lawrenz M. Sammut, *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta, 1952, p. 167.

